MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1416/2002/1

***Attard Blue Mix Co Ltd***

***vs***

***Michael Delia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm183.43c) rappresentanti prezz ghal materjal ossia konkrit mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut. Illi l-konvenut hallas permezz ta' cekk li huwa anness ma' l-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dokument A, liema cekk baqa ma giex onorat u kwindi l-prezz ta' l-imsemmija merkanzija ghadu dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi hames liri Maltin (Lm5.00) ghal konsult, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja u cioe' mis-26 ta' Marzu 2002 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm183.43c), bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija u cioe' s-26 ta' Marzu 2002 lill-istess konvenut.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**